MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2004

Numru. 408/2002

Il-Pulizija
(Spettur Mario Bonello)
vs
Damian Schembri

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Damian Schembri, detentur tal-karta ta’ l-identita Nru 85295(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fit-30 ta’ April, 2001 f’dawn il-gzejjer iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx (rigward PC230 Joseph Buhagiar), inkella bil-qerq holoq it-tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

U aktar talli bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donna hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu ‘il quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b’hekk din il-pesuna tkun

tista tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

Il-Qorti tista meta jidhrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta' haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubblika, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti, inkluz l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fit-30 ta' April, 2001 PC 230 Joseph Buhagiar kien stazzjonat mal-lights l-Imriehel By Pass u kien qieghed flimkien ma PC 1037 imexxi t-traffic peress li kien hemm loghba bejn il-Belt u B'Kara. Ghall-habta tad-disgha ta' filghaxija gie fuqu l-imputat fuq imsemmi, gie minn warajh u qallu li kien hemm truck bis-supporters li kienu xarbuh u talbu sabiex iwaqqaf it-truck u jiehu passi kontra l-persuni li kienu fuq it-truck.  PC 230 xehed illi huwa qal lill-imputat jekk tgharfu inwaqqfuh u ghidli min hu, pero' l-imputat ma indikalux min kien xarbu, riedu biss jiehu n-numru tar-registrazzjoni tat-truck.  PC 230 kompla jixhed illi t-truck kien imdawwar bil-kartun u ma setghax jiehu n-numru tieghu.  L-imputat qallu sabiex jghid lil siehbu biex jiehu n-numru tat-truck peress li siehbu kien qieghed fuq in-naha l-ohra tat-triq, izda hu qallu illi lanqas siehbu ma setgha jehodlu n-numru.  F'dan il-hin l-imputat talab lil PC 230 sabiex jaghtih in-numru

tieghu. Huwa qalulu darbtejn bil-Malti, rega' talbu n-numru tieghu it-tielet darba, u skond PC 230 hu rega' tah in-numru tieghu. Umbaghad l-imputat qabad in-numru minn spaltu, rah, gibdu lejh, umbaghad rema n-numru ma l-art, qabad it-triq u telaq. Ftit tal-hin wara PC 230 ircieva rapport mill-Control Room fejn staqsewh jekk kellux xi jghid ma certu Damian Schembri u huwa qalilhom x'kien gara. PC 230 xehed illi huwa mhux vera li gibed lill-imputat mill-glekk u lanqas ma kien vera li kien habbatlu n-numru tieghu ma sidru. Skond PC 230 meta l-imputat qalaghlu n-numru siehbu kien qieghed faccata u kien qieghed jara kollox, peress illi kien qieghed f'nofs it-triq.

Illi xehed Pc 1037 Richard Ciappara illi fit-30 ta' April tas-sena 2001 kien stazzjonat u kien qieghed imexxi t-traffic fejn il-Malta Financial Sources Authority. Huwa kien flimkien ma PC 230. Huwa xehed illi wara sar jaf illi kien inqala incident bejn l-imputat u PC 230. Huwa ma kienx prezenti ghal dan l-incident, hares lura f'xi hin, rahom jitkellmu u jaghmlu l-mossi b'idejhom. Pero' ma marx hdejhom biex jara x'kien qieghed jigri u kien biss wara li sar jaf x'kien gara. Min fejn kien ma setgha jisma xejn u dana peress illi dak il-hin kienet ghaddejja carcade peress illi tal-Belt kienu qeghdin jiccellebraw.

Illi xehed l-imputat minn jeddu u bil-gurament u qal illi dakinhar in kwistjoni kien hiereg mill-ufficju u ra flixkun vojt li kien waddbu xi hadd u waqa quddiemu u tkisser. Dak il-hin kienet ghaddejja carcade ta' supporters tal-football u kien hemm diversi membri tal-korp tal-pulizija fuq il-bankina matul it-triq. Huwa mar fuq dak li kien l-aktar vicin tieghu, li inzerta kien it-230 u qallu b'dak illi kien gara. Talbu biex jiehu n-numru tat-truck illi minn fuqu skond l-imputat kien twaddab dan il-flixkun. Skond l-imputat, PC 230 iddejjaq, qabdu bil-herra mill-glekk, tkellem hazin mieghu. Umbaghad ghadda t-truck ta' wara u tefgha flixkun u xi hadd minn fuq dan it-tieni truck tefaghlu l-birra u laqtu u skond l-imputat PC 230 ra dan kollu. L-imputat qallu "issa ma rajtux lil dak jitfali l-birra?", u skond hu PC 230 kompla ikellmu hazin u hu sikktu. F'dan il-mument l-imputat xehed illi huwa talbu n-numru tieghu, li ma kienx jidher, u skond l-imputat, PC 230 qala

n-numru minn fuq il-lapel u tah daqqa fuq sidru b'idejh. L-imputat halla dan in-numru ma l-art, mar lejn id-dar u ghamel rapport verbali ta' dak li kien gara il-kwartieri generali tal-pulizija. Sussegwentement kien anke ghamel rapport bil-miktub.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat fuq imsemmi huwa akkuzat bir-reati naxxenti mill-Artikolu 110 tal-Kap 9.

Illi jirrizulta bl-aktar mod car illi x-xhieda tal-imputat ma taqbilx ma dik ta' PC 230 u huma biss l-imputat u PC 230 illi raw l-incident.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, fuq konflitt ta' provi, il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat fuq imsemmi minn kull imputazzjoni htija u piena, filwaqt illi tiddikjara illi l-Prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mil-Ligi, u cioe' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Illi peress illi l-Qorti iddecidiet il-kawza fuq il-meritu, mhux il-kaz illi tikkonsidera l-eccezzjonijiet preliminari imressqa tad-difiza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------